

Brussell, 11 ta' April 2022
(OR. en)

8156/22

COH 32
FIN 437
ENER 131

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	11 ta' April 2022
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7715/22 ADD 1	
Suġġett:	Rapport Speċjali Nru 02/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: Effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi: Iffrankar tal-enerġija, iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti - Konklużjonijiet tal-Kunsill (11.04.2022)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 02/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titlu: "Effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi: Iffrankar tal-enerġija, iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti", approvati mill-Kunsill (Affarijiet Barranin) fit-3866 laqgħa tiegħu fil-11 ta' April 2022.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 02/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

Effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi: Iffrankar tal-enerġija, iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

- (1) JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 02/2022 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Qorti") u t-tweġibiet tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport;
- (2) JINNOTA li l-awditu tal-Qorti vvaluta jekk il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020 għall-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi ntefqux sew; f'dak l-isforz, il-Qorti eżaminat jekk:
 - il-Kummissjoni u l-Istati Membri vvalutawx l-aktar użu xieraq tal-fondi tal-UE meta wieħed iqis l-oġettivi tal-effiċjenza fl-enerġija;
 - l-Istati Membri użawx proċeduri li jippermettu l-għażla ta' proġetti effiċjenti;
 - ir-risultati tal-proġetti jistgħux juru titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi;
- (3) JIRRIKONOXXI li l-effiċjenza fl-enerġija hija parti essenzjali mill-ambizzjoni tal-UE li ssir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050, JISSOTTOLINJA li għas-suċċess tat-tranżizzjoni tal-enerġija, is-setturi kollha tal-ekonomija jridu jsiru aktar effiċjenti fl-enerġija u jirrimarka li l-fondi tal-politika ta' koeżjoni jirrappreżentaw wieħed mis-sorsi ewlenin ta' finanzjament tal-UE biex jiġu appoġġati investimenti diretti fl-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi;

- (4) IFAKKAR li t-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija u l-ġestjoni tal-konsum tal-enerġija għandu rwol ewlieni fit-tneħħija gradwali tad-dipendenza tagħna fuq l-importazzjonijiet mir-Russja tal-gass, iż-żejt u l-faħam, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-għażliet tal-Istati Membri dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom, kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-10 u l-11 ta' Marzu 2022 u JENFASIZZA li l-proġetti tal-effiċjenza fl-enerġija li jiffaċċjaw żidiet fil-prezzijiet u kwistjonijiet ta' interruzzjoni fil-katina tal-provvista għandhom jitlestew b'suċċess;
- (5) JIEĦU NOTA tas-sejbiet tar-Rapport, b'mod partikolari li:
- Il-Kummissjoni u l-Istati Membri ma vvalutawx b'mod speċifiku l-potenzjal għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi fil-perijodu 2014-2020;
 - Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri stabbilew fil-Programmi Operattivi tagħhom objettivi marbuta mal-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi, iżda mhux marbuta b'mod espliċitu mal-objettivi tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija;
 - L-awtoritajiet maniġerjali stabbilew kriterji tal-effiċjenza fl-enerġija u xi kultant kosteffikaċi biex jagħżlu l-proġetti iżda l-biċċa l-kbira minnhom ma użawx indikaturi biex jivverifikaw jekk l-investimenti kinux finanzjarjament vijabbli;
 - L-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi kienu ġeneralment effiċjenti iżda l-użu ta' kriterji tal-effiċjenza mhumix biżżejjed biex inaqqsu b'mod sinifikanti l-kost medju tal-iffrankar tal-enerġija;
 - Fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020, l-indikaturi li jkejlu t-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi huma speċifiċi għall-programm u ma jistgħux jiġu aggregati fil-livell tal-UE; madankollu, għall-2021-2027, il-kontribuzzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-effiċjenza fl-enerġija għadha meqjusa meħtieġa;

- (6) JIKKONDIVIDI t-tweġibiet tal-Kummissjoni għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fir-Rapport tal-Qorti, b'mod partikolari li:
- Filwaqt li l-allinjament tal-Programmi Operattivi mal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija għandu jġi żgurat, iż-żmien differenti fit-tħejjija u l-adozzjoni rispettivi tagħhom għamilha diffiċli fil-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020. Għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027, il-valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni għall-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi ser issir meta jiġu vvalutati l-programmi u l-issodisfar tal-kundizzjoni abilitanti relatata mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima;
 - Il-valutazzjonijiet tal-kosteffettività jridu jikkunsidraw mhux biss l-iffrankar tal-enerġija iżda wkoll il-benefiċċji multipli tal-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija, il-kontribut għal diversi objettivi ta' politika tal-interventi implimentati, u l-benefiċċji tagħhom lil hinn mill-iffrankar tal-enerġija;
 - L-effiċjenza fl-enerġija hija waħda mis-setturi li qed jiffaċċaw l-akbar diskrepanza fl-investiment fl-UE, u li l-finanzjament tal-UE jista' jkun forza li tixpruna ż-żieda u l-ingranaġġ tal-investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija;
- (7) JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti u għalhekk JISTIENEN lill-Kummissjoni biex:
- Tivvaluta l-impatt speċifiku tal-proġetti tal-effiċjenza fl-enerġija għall-intrapriżi meta tevalwa l-perijodu ta' programmazzjoni 2014-2020;
 - Għall-perijodu ta' programmazzjoni 2021-2027, tivvaluta jekk l-għażla tal-istrument ta' finanzjament iddedikat għall-effiċjenza fl-enerġija hijiex xierqa fid-dawl tat-titjib li għandu jinkiseb fl-effiċjenza fl-enerġija, u b'mod aktar ġenerali, biex tikkontribwixxi għall-obiettivi klimatiċi b'mod effiċjenti.